**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 466 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Omissis**

Illum, 27 t' April, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Omissis, detentur tal-karta tal-identita Numru Omissis, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

B' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b' rizoluzzjoni wahda:

1. Bejn ix-xhur ta` Mejju, 2019 u Settembru, 2022, gewwa dawn il-gzejjer, gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Omissis 1 u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju lil Omissis 1 u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, issoggetta lil Omissis 1 u/jew persuni ohra ghal xi att ta' intimita fizika;

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, issoggetta lil persuna ohra ghal xi att, jew imgieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba ma kienux mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha;

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi; permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil Omissis 1 biex jaghmel jew jonqos jew milli jaghmel xi haga, heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu, jew biex jimmalafama lill-istess Omissis 1 , jew xi persuna ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara wara li rat l-Artikoli 17 (b) u (h), 18, 251 A (1) (a), 251 A (1) (b), 251 A (1) (c), 251 A (1) (e) tal-Kodici Kriminali u Artikolu 49 (b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Omissis hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sena (1) prigunerija li b' applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali giet sospiza ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perjodu operattiv.

In oltre l-Qorti harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati sabiex tigi kawtelata Omissis 1 u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment, il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti stante li ma jirrizultax li gie nominat xi espert.

Rat ir-rikors tal-appellant Omissis minnu pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tirrevokaha fil-bqija u, konsegwentement, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi <u>l-ewwel aggravju</u> ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li, fl-errogazzjoni tal-piena, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet komputazzjoni zbaljata. L-esponent jirrileva immedjatament li l-piena moghtija lilu hija fil-parametri tal-ligi. Pero` l-komputazzjoni zbaljata hija tali li bilfors kellha effett fuq il-kalibrar taghha.

Illi dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok l-imputazzjonijiet numri 1 sa 4 migjuba kontra l-esponent kellhom jigu kkunsidrati bhala reat wiehed u mhux bhala erba' reati separati. Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali huwa wiehed. Il-fatt li l-legislatur holoq hames paragrafi biex jispjega l-agir li jikkostitwixxi l-element materjali tieghu ma jfissirx li holoq hames reati separati. B' analogija l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, li jikkontempla r-reat ta' truffa, ma johloqx tmien reati separati izda jghid li l-element materjali ta' dan ir-reat jista' jigi kommess b' wiehed jew izjed minn wiehed mill-metodi msemmija f' dan l-artikolu. L-istess japplika ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 251A. L-esponent gie akkuzat, separatament, bil-

paragrafi (a), (b), (c) u (e) ta' dan is-subartikolu. Pero` r-reat jibqa' wiehed u mhux erbgha. Jinghad bl-akbar rispett li l-Qorti tal-Magistrati kellha, fis-sentenza taghha, tindika li l-esponent kien qed jigi misjub hati ta' zewg akkuzi u mhux ta' hamsa.

Illi r-referenza fis-sentenza appellata ghall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali hija indikazzjoni cara li l-Qorti kienet qed tikkonsidra dawn il-paragrafi bhala erba' reati separati u ghalhekk kienet qed tapplika l-principju tal-konkors tal-pieni ghalihom. L-indikazzjoni ghall-paragrafu (h) hija, mill-banda l-ohra, korretta in kwantu l-hames reat kien wiehed mill-mezzi li bih sehh ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 251 A u ghalhekk tieghu ma nghatatx piena.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk jigi deciz li r-reati kontemplati fil-paragrafi (a), (b), (c) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 251A huma reati separati, ir-referenza ghall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 17 hija xorta wahda zbaljata. Dan il-paragrafu, u diversi paragrafi ohra ta' dan l-artikolu, jirregola l-principju tal-konkors tal-pieni. Peress li huwa evidenti li l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hi li l-esponent, bl-att tieghu ta' natura kontinwata, ivvjola diversi disposizzjonijiet tal-ligi, kellu necessarjament japplika l-principju tal-konkors formali, ossia reali, tar-reati u mhux dak tal-konkors tal-pieni. Bil-principju tal-konkors formali l-esponent kien passibbli ta' piena wahda u mhux erba' pieni mahduma skond il-formula indikata fl-imsemmi paragrafu (b) ta' l-artikolu 17.

Illi, ghalhekk, kemm jekk l-ewwel erba' imputazzjonijiet jikkostitwixxu reat wiehed, kif ukoll jekk jikkostitwixxu erba' reati separati, il-komputazzjoni tal-piena hija effettivament zbaljata u ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Illi <u>t-tieni aggravju</u> ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza ta' prigunerija, nonche` sospiza, ma kienitx indikata f' dan il-kaz.

Illi, a parti dak li ntqal fl-ewwel aggravju, u cioe` li l-esponent kellu jiehu piena ta' reat wiehed u mhux ta' erba, ir-reat ta' fastidju huwa wiehed li jaqa' fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, u cioe` reat li solitament jingieb mas-seduta tad-distrett.

Illi l-esponent huwa bniedem ta' kondotta incensurata li ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu ma' l-ewwel opportunita` li kellu. Dan ifisser li l-esponent ma ppruvax jiggustifika l-agir tieghu u rrikonoxxa minghajr tlaqliq li kien ghamel zball.

Illi f' dan il-kaz il-partijiet kollha fil-kawza, inkluz il-*parte civile*, qablu li l-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz kienet dik ta' liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien specifikat mill-Qorti. Naturalment il-Qorti ma kienet bl-ebda mod marbuta ma' dan is-suggeriment; il-ligi u l-gurisprudenza huma carissimi f' dan ir-rigward. Pero` qed jigi sottomess bl-akbar rispett li, ghalkemm fis-sentenza appellata sar accenn ghall-fatturi msemmija fil-paragrafi precedenti ta' dan l-aggravju, ma nghatat ebda raguni ghall-erogar ta' piena ta' prigunerija ghajr l-interessi tas-socjeta` in generali u l-interessi tal-vittma. Fir-rigward ta' l-ewwel raguni jigi rilevat bl-akbar rispett li f' kull reat ghandhom jigi mharsa l-interessi tas-socjeta`. Izda dan ma jfissirx li l-interessi tas-socjeta` jirrikjedu li pieni msemmija fl-Att dwar il-*Probation* ghandhom jigu awtomatikament eskluzi. L-interessi tas-socjeta` huma fost ir-ragunijiet principali li ghalih gie promulgat dan l-Att. Fir-rigward ta' l-interessi tal-vittma, kif inghad, il-partijiet kollha fil-kawza, inkluz il-*parte civile*, qablu li l-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz kienet dik ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Illi, ghalhekk, qed jigi sottomess li l-piena ta' prigunerija kienet wahda harxa wisq tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan l-appell huwa limitat ghal piena erogata mill-Ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix wahda idonea ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni afdata f'idejn l-Ewwel Qorti. Infatti, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara."**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella**"[1] , "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[2]" u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Kif tajjeb osservat din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Stanley Spiteri:**[3]

> *'Issa jinghad l-ewwelnett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.'*

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas

[1] Qorti tal-appelli kriminali nhar l-14 ta Gunju 1999
[2] Qorti tal-appelli kriminali nhar l-24 ta April 2003
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 2006.

minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.[4]

**Ikkunsidrat,**

**<u>Illi l-ewwel aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet komputazzjoni zbaljata fl-erogazzjoni tal-piena. Hu jsostni illi l-ewwel erba' imputazzjonijiet fil-konfront tieghu ghandhom jigu kkunsidrati bhala reat wiehed u mhux erba' differenti. Din il-Qorti f'dan ir-rigward taqbel u tghid illi tr-reat huwa wiehed u cioe' dak ta' fastidju li jista' jiehu forom differenti skond is-sub-incizi elenkati. Oltre minn hekk l-appellant argumenta wkoll, illi l-Ewwel Qorti ma kelliex taghmel uzu mill-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali u tapplika l-principju tal-konkors tal-pieni. Ikompli sabiex jghid illi dan juri bic-car illi l-Ewwel Qorti bdiet tikkonsidra l-ewwel erba' imputazzjonijiet bhala reati separati u distinti, Minghajr l-ebda telf ta' hin din il-Qorti tghid illi l-appellant ghandu ragun u cioe' li r-reat kontemplat fl-ewwel erba' akkuzi huwa dak tal-fastidju u ghaldaqstant li permezz tal-azzjonijiet tal-appellant li jaqghu taht l-Artikoli 251A(1)(a)(b)(c) u (e), hu ta fastidju lill-parte civile. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ma taqbilx ma l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) li jipprovdi hekk:

> *17. Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-dispożizzjonijiet li ġejjin: b) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biżżieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien;*

Di piu' din il-Qorti tenfasizza mill-gdid illi l-Artikolu sucitat m'ghandux ikollu applikazzjoni f'dawn il-proceduri ghaliex l-ewwel erba' imputazzjonijiet ghandhom jigu kkunsidrati bhala reat wiehed u cioe' dak ta' fastidju u ghalhekk jibqa' l-hames

[4] Ara **<u>Il-Pulizija v. David Vella</u>** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta Dicembru 2005

imputazzjoni li mhux punibbli b'piena karcerarja izda b'multa. Sabiex dan l-Artikolu seta' jigi applikat l-hames imputazzjoni riedet tkun punibbli b'piena karcerarja wkoll.

L-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jkompli sabiex jghid illi jaqbel dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali mill-Ewwel Qorti u dan stante li l-hames reat kien wiehed mill-mezzi li bih sehh ir-reat kontemplat fl-Artikolu 251A(1). L-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

> *17. Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:*
> *(h) meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.*

Din il-Qorti tghid illi jekk l-ewwel erba' imputazzjonijiet ghandhom jigu kkunsidrati bhala reat wiehed, jibqa' ghalhekk il-hames imputazzjoni biss. U ghalhekk totalita' ta' zewg reati. Mill-qari tal-artikolu sucitat jidher illi jrid ikun hemm '***<u>zewg reati jew iżjed</u>***, *li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat,* ***iservu bħala mezz biex <u>isir reat ieħor</u>'***. Ghalhekk isegwi illi stante li fil-kumparixxi insibu biss zewg reati, l-Artikolu 17(h) ma jistax jigi applikat ghaliex sabiex dan jigi applikat jehtieg li jkun hemm tlett reati jew aktar.

Ghaldaqstant stante li din il-Qorti temmen illi kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-Artikoli 17(b) u (h) tal-Kodici Kriminali mill-Ewwel Qorti, il-komputazzjoni tal-piena hija effettivament zbaljata ukoll, u ghalkemm il-piena hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju u sejra telabora fuqu iktar il-quddiem.

**<u>Fit-tieni aggravju</u>** tieghu l-appellant jghid illi l-piena ta' sentenza sospiza ma kienitx indikata f'dan il-kaz u dan ghaliex il-partijiet kienu ftiehmu li l-piena li ghandha tigi adoperata kellha tkun dik ta' libeerazzjoni bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien specifikat mill-Qorti.

Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure' seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b' mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, ddahhal ghall-ewwel darba b' forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A, introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-Artikolu jifforma parti mit-Taqsim I tat-Tieni Ktieb , Titolu IV, : "Fuq il-Qorti Kriminali".

Bhala rizultat ta' dan l-Artikolu gdid b' effett minn Ottubru, 2003, sar possibbli li qabel mal-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonjiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita' miftehma bejnithom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet. Sussegwentament tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghdha tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.

Fil-prattika kemm ilha li dahlet *in vigore* din id-dispozizzjoni gdida, l-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza w li kull diskussjoni dwar it-talba issir "*in open court*", biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t' abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll "*in open court*" tiddikjara li, f' dak l-istadju, l-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.

L-Artikolu 392A(5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero' f' dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti w n-nota ssir mill-Avukat Generali w mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-Artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.

Illi fl-assenza ta' dispozizzjoni "*ad hoc*" li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' Gudikatura Kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplikja ghalihom ukoll. Ghalhekk, ghalkemm **mhux eskluz** li anki quddiem dawn il-Qrati il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f' kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza "*in open court*" jew per mezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.[9]

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li proprju dan sar ghaliex fil-verbal tal-Qorti datat 28 t' Ottubru 2022 hemm indikat li "***saret trattazzjoni dwar il-piena fejn il-proseskuzzjon, il-parte civile u id-difiza qablu li l-imputat jista jigi trata b'sentenza fejn jigi liberat bil-kundizzjoi li ma jghamilx reat iehor fi zmien specifikat minn dinn il-Qorti.***"

Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza "*in open court*" jew permezz ta' att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant ma ghandu **qatt** jiddiskuti mad-difensur ta' parti jew ohra, jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikun qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippattegjaw.

Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar 'l fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudkant ma jiehu ebda parti f'tali patteggjament hlief li, fit-

[9] Ara **il-Pulizija vs Mario Spanol** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.

termini tal-Artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-Qorti bil-miftugh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b'mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-Artikolu 453A – jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-Qorti bil-miftuh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni, l-gudikant ma ghandu qatt jindika x'sentenza jkollu f'mohhu li jaghti f'kaz li jkun hemm ammissjoni, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni w sia jekk le, s-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu forma partikolari (per ez. piena karcerarja, jew *probation* jew *conditional discharge*). Jidher li dan hu ezattament li gara quddiem l-Ewwel Qorti.

Din ir-regola, bl-eccezzjoni ghaliha, giet l-ewwel darba formulata minn Lord Chief Justice Parker fil-kaz **R. v. Turner**,[10] u llum giet konsolidata f'ewwel parti tal-paragrafu 45.4 tal-Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation) [2002] 1 WLR 2870 li tghid hekk:

> *"The judge should, subject to one exception, never indicate the sentence which he is minded to impose. The exception is that it is permissible for a judge to say, if it be the case, that, whatever happens, whether the accused pleads guilty or not guilty, the sentence will or will not take a particular form…".*

Fejn din ir-regola ta' buon sens ma gietx osservata, inqalghu problemi. Hekk, per ezempju, fil-kaz **R. v. Atkinson (**1977) 67 Cr.App.R. 200 Lord Scarman qal hekk:

> *"It is to be observed, greatly to his credit, that everything the judge did in the present case he did in open court in full view of the public. But unfortunately what he did could very well give the impression to this appellant, as well as to other defendants, that there was a bargain: if you plead guilty one result; if you plead not guilty another. Some, including the*

[10] (1970) 54 Cr.App.R. 352

*accused, might well think pressure was being exerted on him to plead guilty. It is that which is so damaging to the face of justice…" (ara Stockdale and Devlin on Sentencing, Waterlow Publishers (London) 1987, pp. 45-46).”*

Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista’ johloq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja w jirriskja li johloq dubbji, konflitti, suspetti t’ abbuzi jew addirittura abbuzi . Ghalhekk zgur li m’hu xejn rakkomandabbli li jsiru inkontri “*in camera*” bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsiru patteggjamenti dwar il-piena.

Illi f’dan il-kaz jidher car li l-partijiet segwew l-formalita’ li ghandha tapplika f’kaz ta’ patteggjament ta’ piena pero l-Ewwel Qorti kif *del resto* ghandha kull dritt m’accettatx is-suggeriment tal-partijiet fir-rigward tal-piena li hija ghandha timponi.

Ir-reat tal-fastidju huwa r-reat principali li jikkoncerna dan il-kaz u din il-Qorti tghid illi jrid jirrizulta fuq medda ta’ zmien u mhux f’incident wiehed izolat. Irid ikun hemm dak l-imsejjah *course of conduct*. Ma hemmx dubbju, kif jirrizulta mill-akkuzi stess, li l-*parte civile* giet soggetta ghal dan il-fastidju ghal zmien twil u cioe’ minn Mejju 2019 sa Settembru, 2022 u ghalhekk ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin u erba’ (4) xhur.

Jinghad li persuna misjuba hatja tar-reat ta’fastidju taht l-Artikolu 251A tista’ tehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien **minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta’ mhux inqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien.**

Din il-Qorti pero’ rat ukoll li apparti dan ir-reat ir-rikorrenti gie akkuzat b’reat iehor u cioe’ dak ta’ uzu t’ apparat ta’ komunikazzjoni elettronika biex isir theddid kif previst fl-artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligjiet ta’ Malta. Illi ir-rikorrent ukoll irregistra ammisjsoni ghal dan ir-reat u f’kaz li l-akkuzat jinsab hati ta’ reat taht dan l-Att jista’ jehel multa ta’ mhux izjed minn hamsa u ghoxrin elf euro(€25,000). Illi f’dan ir-rigward l-appellant isostni li l-

Ewwel Qorti ma kellhiex tati piena ghaliex dan kien il-mezz ai fini ta kif sar il-fastidju. Sfortunament dan il-process huwa mankanti minn provi dwar x'tip ta fastidju kien ikun hemm salv ghal dak li hemm miktub fl-okkorrenza esebita. Jidher pero' kif tajjeb osservat id-difiza li parti mill-fastidju verament sar permezz ta' telekomunikazzjoni u cioe' b'messaggi fuq il-*WhatsApp chat*. Illi ghalhekk huwa minnu dak li stqarret id-difiza fir-rikors tal-appell taghha li l-hames imputazzjoni hija dik ta' mezz ai fini ghar-reat ta' fastidju madankollu kif diga' gie spjegat *supra* l-Artikolu 17(h) ma japplikax fil-kaz odjern u ghalhekk din il-Qorti trid timponi piena f'dan ir-rigward ukoll.

Illi stante li din il-Qorti ma hiex ser tapplika dak dispost fl-Artikoli 17(b) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti ghandha tigi mibdula. Din il-Qorti innutat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe' li l-appellant ghandu fedina penali netta; li ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkopera mal-pulizija u l-emails ezebiti mid-difiza dwar il-kundizzjoni tal-anzjeta' li huwa ghandu. In oltre, kif diga' gie ritenut *supra*, din il-Qorti, tinnotta wkoll il-verbal datat it-28 t' Ottubru, 2022 fejn meta saret trattazzjoni dwar il-piena d-difiza, l-prosekuzzjoni u l-parte civile <u>kollha</u> qabblu li l-appellant seta' jigi trattat b'sentenza fejn jigi lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien specifikat. Ghaldaqstant, in vista dak kollu sucitat, din il-Qorti thoss illi ma ghandiex tidipartixxi minn dak maqbul bejn il-partijiet kollha, inkluz il-parte civile.

Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li qedgha tikkonfema is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-htija fuq il-mertu, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 399, tiddeciedi billi li tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum u timponi fuqu multa ta'hames mitt euro (€500.00). .

Din il-Qorti fissret lill-appellant li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hu jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u dan ai terminu tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446.

Din il-Qorti qedgha wkoll tikkonferma l-Ordni ta' Trazzin mahruga fil-konfront tal-hati

sabiex tigi kawtelata Omissis 1 u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness mas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li ghandu jifforma parti integrali minn din l-istess sentenza.

Din il-Qorti tordna li ismijiet tal-vittma u tal-appellant m'ghandux jigi imxandar f'kull mezz tax-xandir.

Qedgha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti sabiex tikkundanna lill-hati milli jhallas spejjez tal-esperti u dan ghaliex f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda nomina ta' espert.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**